MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 29/2008

**Gregory u Agnes konjugi Grech**

**-vs-**

**Emanuel Balzan u Maureen Balzan**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-atturi fit-28 ta' Marzu 2008 li permezz tieghu kkonfermaw:

1. Illi l-konvenuti huma veri, certi u likwidi debituri *in solidum* a favur tal-atturi fis-somma ta' sbatax-il elf hames mija tlieta u sittin euro u sebgha u erbghin centezmi ta' l-Euro (€17,563.47) dovuti in kwantu ghal elf, disa' mija sitta u hamsin Euro u sebgha u sittin centezmi tal-Euro (€1,956.67) skond skrittura privata datata ghaxra (10) ta' Lulju 2002 (Dok GG1) u hmistax-il elf sitt mija u sitta Euro

u tmenin centezmu tal-Euro (€15606.80) skond skrittura datata ghaxra (10) ta’ April 2003 (Dok GG2).

2. Ghalkemm debitament interpellati biex ihallsu, huma baqghu inadempjenti.

3. Il-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijeit x’jaghtu ghat-talbiet ta’ l-atturi kif jirrizulta mill-anness affidavit ai termini ta’ l-Art 167 – 170 tal-Kap 12 (Dok GG3).

Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh tal-provi ai termini ta’ l-Artikoli 167 – 170 tal-Kap 12.

2. Tiddikjara lill-konvenuti bhala veri, certi u likwidi debituri *in solidum* a favur tal-atturi fis-somma ta’ sbatax-il elf hames mija tliet u sittin Euro u sebgha u erbghin centezmu ta’ l-Euro (€17563.47) dovuta in kwantu ghal elf disa’ mija u sitta u hamsin Euro u sebgha u sittin centezmu ta’ l-Euro (€1956.67) skond skrittura privata datata ghaxra (10) ta’ Lulju 2002 u hmistax-il elf sitt mija u sitta Euro u tmenin centezmu tal-Euro (€15606.80) skond skrittura datata ghaxra (10) ta’ April 2003.

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu *in solidum* s-somma ta’ sbatax-il elf hames mija tlieta u sittin Euro u sebgha u erbghin centezmu ta’ l-Euro (€17,563.47) dovuti in kwantu ghal elf disa’ mija u sitta u hamsin Euro u sebgha u sittin centezmu tal-Euro (€1956.67) skond skrittura privata datata ghaxra (10) ta’ Lulju 2002 u hmistax-il elf sitt mija u sitta Euro u tmenin centezmu tal-Euro (€15606.80) skond skrittura datata ghaxra (10) ta’ April 2003.

Rat li l-konvenuti gew debitament notifikati u ma deherux fis-seduta tal-lum.

Semghet ix-xiehda ta’ l-attur li biha kkonferma li li sal-lum il-kreditu ghad-dovut.

Rat l-iskrittura datata:-

(a) 10 ta’ Lulju 2002 (fol. 6) li permezz taghha l-konvenuti ddikjaraw li kienu qeghdin jissellfu s-somma ta’ sitt mitt lira Malitja (Lm600) minghand l-attur b’imghax ta’ tmienja fil-mija (8%).
(b) 10 ta’ April 2003 (fol. 7) li permezz taghha l-konvenuti kkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri tal-konvenuti fl-ammont ta’ hamest elef lira Maltija (Lm5,000) b’imghax ta’ tmienja fil-mija (8%) b’effett mit-8 ta’ Jannar 2003. Rat ukoll il-kopja tal-kambjali ezebiti a fol. 8-10 li jirreferu ghal din is-somma u li kollha mmaturaw.

Fir-rigward tar-risposta guramentata prezentata mill-konvenuta fit-23 ta’ Mejju 2008 (fol. 39-44)), din giet prezentata qabel il-konvenuta nghatat permess biex tikkontesta l-kawza. Ghalhekk il-qorti tordna l-isfilz ta’ l-istess. F’kull kaz l-uniku kontestazzjoni min-naha tal-konvenuta jidher li hi fis-sens li b’kuntratt tat-23 ta’ Awwissu 2004 fl-atti tan-nutar Dr. Maria Grima giet terminata l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejnha u zewgha u l-konvenut assuma r-responsabbilta’ ghall-pagament tad-djun. Din m’hijiex difiza valida ghaliex l-atturi ma kienux parti ghall-imsemmi kuntratt.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddecidi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet kollha ta’ l-atturi u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsuhom is-somma ta’ sbatax-il elf hames mija tlieta u sittin Euro u sebgha u erbghin centezmu ta’ l-Euro (€17,563.47), bl-imghax mit-28 ta’ Marzu 2008 [liema mghax ghandu jiddekorri biss fuq is-somom kapitali dikjarati fl-iskritturi tal-10 ta’ Lulju 2002 (fol. 6) u 10 ta’ April 2003 (fol. 7 u mhux fuq l-imghax li diga’ ddekorra)].

Spejjez a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------